4. Declare and decide that the respondent forfeited his share in the Community of Acquests and consequently apply the effects of Article 48 et sequitur of the Civil Code against the same respondent in favour of the applicant and consequently declare that the respondent lost the rights mentioned in Articles 631 and 633 of the Civil Code as well as all that he had acquired by donation, with a view to the marriage, either after the marriage or by another gratuitous title, from the applicant, who thus should be returned to her and declare furthermore that the respondent also lost all right to half of the acquisitions made mainly by the work of the applicant after the date established by this Honourable Court as the date when the respondent rendered himself guilty of the separation, which acquisitions shall remain all for the applicant and for this purpose the contributions of both parties shall be taken into account according to Article 3 of the Civil Code. Furthermore this Honourable Court is asked to declare that the respondent forfeited the right to demand maintenance from the applicant;

5. Divide all the property belonging to the Community of acquests into two shares which are not equal following the previous demands and assign that share which is due to each party in terms of the same;

6. Assign to the applicant her paraphernal property and/or the value of the same and order the respondent to return to the applicant all her paraphernal property or the relative value of the same if any;

7. Assign all rights, both real and personal, to the premises 2, Blk 4, Flt 2, Triq Tal-Fieres, Ħal Kirkop, exclusively to the applicant provided that all debts related to the same property in particular debts to ARMS and the Housing Authority are to be exclusively in the hands of the respondent Blasio Buttigieg;

8. That any debt made by Blasio Buttigieg in the Community of acquests, is to be borne by the same Blasio Buttigieg;

9. Appoint a notary public to publish the relative Act and deputy curators to represent the eventual defendant.

With costs including those of the acts of mediation and the present procedures against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 2, Blk 4, Flt 2, Triq Tal-Fieres, Ħal Kirkop

Notification respondent: 2, Blk 4, Flt 2, Triq tal-Fieres, Ħal Kirkop.

Ir-rikors fl-ismijiet Salvina Buttigieg vs Blasio Buttigieg, Rikors numru 151/2024AGV, jinsab differit għas-7 ta' Novembru, 2024, fid-9.00 a.m.

The Application in the names Salvina Buttigieg vs Blasio Buttigieg, Application number 151/2024AGV, has been postponed for hearing to the 7th November, 2024, at 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 28 ta' Ottubru, 2024

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2491

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Marzu, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Mario Pirotta.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 11th March, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Mario Pirotta in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mediterranean Insurance Brokers Limited (C3540), MIB Management Services Ltd (C36808) bħala amministraturi u aġenti għal Lloyd's Insurance Company SA u Mark Darren (KI 73279M) u Ruth (KI 328680M) konjuġi Muscat ippreżentw Talba, fl-31 ta' Jannar, 2024, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mario Pirotta ta' 1, Shalom Triq il-Bronja, Il-Mellieħa, u Zahra Construction Ltd, sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' €1266.53, liema ammont huwa dovut lill-atturi.

Mediterranean Insurance Brokers Limited (C3540), MIB Management Services Ltd (C36808) as administrators and agents of Lloyd's Insurance Company SA and Mark Darren (ID 73279M) and Ruth (ID 328680M) spouses Muscat, filed a Claim on the 31st January, 2024, whereby they asked the Tribunal to condemn Mario Pirotta ta' 1, Shalom Triq il-Bronja, Mellieħa, and Zahra Construction Ltd, to pay the plaintiffs the sum of €1266.53, which amount is due to the plaintiffs.

Bl-ispejjeż

With costs

Il-kawża (Avviż numru 18/2024CL) hija differita għat-30 ta' Ottubru, 2024, fis-1.00 p.m.

The case (Claim number 18/2024CL) is deferred on the 30th October, 2024, at 1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 28 ta' Ottubru, 2024

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 28th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2492

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Frar, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 5/2024AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gordon Pace a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 13th February, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Audrey Pace vs Gordon Pace, Application number 5/2024AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gordon Pace in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet Audrey Pace (KI 64178M) vs Gordon Pace (KI 504374M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-12 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Audrey Pace (KI 64178M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

By means of a sworn application in the names Audrey Pace (ID 64178M) vs Gordon Pace (ID 504374M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 12th January, 2024, the applicant Audrey Pace (ID 64178M) requested this Honourable Court to:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minħabba ħtijiet imputabbli unikament lill-konvenut Gordon Pace u li wasslu sabiex il-ħajja konjugali bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli biz-żwieġ li tkisser irrimedjabbilment, u dana ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 et sequitur tal-Kodiċi Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara illi l-ebda ħlas ta' manteniment ma huwa dovut minn kull parti versu l-parti l-oħra;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod illi jiġu stabbiliti porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-partijiet u billi tiġi wkoll stabbilita data li minnha l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tal-attriċi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi biex jivvalutaw il-proprjetà tal-partijiet u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

5. Tordna illi d-dar matrimonjali tal-partijiet, ossija l-appartament fit-tieni sular 'il fuq mill-livell tat-triq, internament immarkat bin-numru 1, u bin-numru uffiċjali 25 fi Triq San Ġużepp, Il-Mosta, għandha titpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ u wara illi jitħallas il-bilanċ tad-dejn rimanenti fuq l-istess proprjetà u pagabbli lil Bank of Valletta plc, ir-rikavat jiġi maqsum f'porzjonijiet ugwali bejn iż-żewġ partijiet, u dana ai termini tal-Artikolu 55A(1)(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Tiddikjara illi minħabba l-aġir tal-konvenut, kwalsijasi pagament mensili fuq is-self bankarju f'isem iż-żewġ partijiet Audrey Pace u Gordon Pace u pagabbli lil Bank of Valletta plc, liema self jaggrava d-dar matrimonjali tal-partijiet, kif ukoll kwalsijasi pagamenti ta' premja fuq il-Home Insurance Policy li tkopri tali self miżmuma mill-partijiet mal-Mapfre Middlesea plc, u li saru mill-konvenut minn Ġunju tas-sena 2021 meta ntlaħaq il-ftehim għal kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tal-medjazzjoni numru 1042/2020 u minn meta l-istess kuntratt ġie awtorizzat mill-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2021, 'il quddiem, għandhom jibqgħu interament a karigu tal-konvenut, b'dan illi l-istess konvenut ma jkollu l-ebda dritt jitlob il-ħlas tas-sehem il-mara mill-istess pagamenti minnu affettwati;

7. Tiddikjara illi d-dejn li jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti u magħmul mill-konvenut għandu jiġi assenjat interament u esklussivament lill-istess konvenut li jkun responsabbli sabiex ikompli jħallas l-istess dejn;

8. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attriċi l-beni kollha parafernali tagħha jew il-valur tagħhom;

1. Declare and order the personal separation between the parties due to faults imputable solely to the defendant Gordon Pace and which led to the conjugal life between the parties no longer being possible with the marriage which irretrievably broke down, and this in terms of Article 40 of Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Apply in whole or in part against the defendant the effects of the provisions of Article 48 et sequitur of the Civil Code Cap. 16 of the Laws of Malta;

3. Declare that no maintenance payment is due by any party towards the other party;

4. Declare dissolved the Community of acquests between the parties and liquidate the same in such a manner that divided portions are established and assigned to the parties and by also establishing a date from which the defendant is deemed to have forfeited any acquisition made by the work and skill of the applicant by the appointment of referees to evaluate the property of the parties and by nominating a notary to receive the relative deed and curators to represent the defendant in his eventual default on the same act;

5. Order that the matrimonial home of the parties, that is the apartment on the second floor above the street level, internally marked with number 1, and with official number 25 in Triq San Guzepp, Mosta, is to be put up for sale on the open market and after the balance of the remaining debt on the same property is paid and payable to Bank of Valletta plc, the proceeds are divided into equal portions between the two parties, and this in terms of Article 55A(1)(b) of Cap. 16 of the Laws of Malta;

6. Declare that due to the action of the defendant, any monthly payment on the bank loan in the name of both parties Audrey Pace and Gordon Pace and payable to Bank of Valletta plc, which loan aggravates the matrimonial home of the parties, as well as any payments of premia on the Home Insurance Policy which covers such loans held by the parties with Mapfre Middlesea plc, and which were made by the defendant from June of the year 2021 when the agreement for a contract of separation was reached in the acts of mediation number 1042/2020 and from when the same contract was authorised by the Court on the 1st July, 2021, onwards, are to remain entirely at the charge of the respondent, provided that the same respondent has no right to demand the payment of the wife's share from the same payments affected by him;

7. Declare that the debt which aggravates the Community of acquests and made by the respondent shall be assigned entirely and exclusively to the same respondent who shall be responsible to continue to pay the same debt;

8. Condemn the respondent to deliver to the plaintiff all her paraphernal property or their value;

9. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti għal kunjom xbubitha, ossia Cachia ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut illi huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Rikorrenti: c/o Camilleri Dental Medical Clinic, Regent House, Suite 15, First Floor, Triq Bisazza, Tas-Sliema

Notifika intimat: 25, Apartment 1, Triq San Ġużepp, Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Audrey Pace vs Gordon Pace, Rikors numru 5/2024AL, jinsab differit għas-6 ta' Novembru, 2024, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 28 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

9. Authorise the plaintiff to revert to her maiden surname, or rather Cachia in terms of Article 62 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

With all costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: c/o Camilleri Dental Medical Clinic, Regent House, Suite 15, First Floor, Triq Bisazza, Tas-Sliema

Notification respondent: 25, Apartment 1, Triq San Ġużepp, Mosta

The Application in the names Audrey Pace vs Gordon Pace, Application number 5/2024AL, has been postponed for hearing to the 6th November, 2024, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 28th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2493

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fil-11 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 244/2024MS, li ġie ppreżentat fil-15 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet: Falzon Margherita et noe vs Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, iħallsu l-istess kumpens u danni likwidati lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-22 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimati: Borg Enrico u Borg Roberto, 69, Triq St Pius V, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 11th October, 2024, in the records of Constitutional Application number 244/2024MS, which was filed on the 15th May, 2024, in the names: Falzon Margherita et noe vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents or either of whom, to pay the same compensation and damages liquidated to the applicants in terms of Article 41 of the European Convention. With costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 22nd November, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondents: Borg Enrico and Borg Roberto, 69, Triq St Pius V, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 21st October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2494

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fid-29 ta' Mejju, 2024, fl-atti tar-Rikors

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 29th May, 2024, in the

Kostituzzjonali numru 186/2020/1ISB, li ġie ppreżentat fl-4 ta' Settembru, 2020, fl-ismijiet: Baldacchino Joseph vs Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tagħti lill-esponent dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, fosthom il-ħlas tal-kumpens lill-esponent. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-25 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Valletta Mario, 40, Conrad, Triq Tal-Ġurġier, Birżebbuġa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

records of Constitutional Application number 186/2020/1ISB, which was presented on the 4th September 2020, in the names: Baldacchino Joseph vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Give the interpellant all the remedies it deems fit and opportune, amongst which the payment of compensation to the interpellant. With costs against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 25th November, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Valletta Mario, 40, Conrad, Triq Tal-Ġurġier, Birżebbuġa

Registry of the Superior Courts, today 24th October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2495

ARB/C024/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MICHAEL MIFSUD, pensjonant, ta' 71 sena, iben il-mejjet Angelo Mifsud u l-mejta Tereza Mifsud xebba Camilleri, imwieled in-Naxxar, Malta, fis-27 ta' Jannar, 1953, u residenti f'608, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 131953M.

Il-Qorti ORDNAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fil-25 ta' Marzu, 2024, fil-konfront tal-imputat MICHAEL MIFSUD qed tiġi limitata għas-segwenti proprjetà mobbli u immobbli:

Il-maisonette bl-indirizz 608, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar;

Il-garaxx bl-indirizz 608, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar;

ARB/C059/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd October, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

MICHAEL MIFSUD, pensioner, 71 years, son of the late Angelo Mifsud and the late Tereza Mifsud née Camilleri, born in Naxxar, Malta on the 27th January, 1953, and residing at 608, Triq il-Mosta, St Paul's Bay, and holder of a Maltese identity card bearing number 131953M.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 25th March, 2024, against the accused MICHAEL MIFSUD is being limited to the following movable and immovable property:

The maisonette at 608, Triq il-Mosta, St Paul's Bay;

The garage at 608, Triq il-Mosta, St Paul's Bay;

Iċ-ċedola ta' depożitu magħmula mill-Bank of Valletta plc u miżmuma mir-Reġistru tal-Qorti fl-ammont ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000), bħala l-assi li għandhom ikunu suġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li tkun suġġetta għall-ordni ta' qbid u ffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4) (a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Marse-Anne Farrugia, LLD) fil-25 ta' Marzu, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Lulju, 2024, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà MICHAEL MIFSUD.

Illum 28 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The schedule of deposit carried out by the Bank of Valletta plc and held at the Court Registry in the amount of fifteen thousand euro (€15,000), as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Marse-Anne Farrugia, LLD) on the 25th March, 2024, which was published in the Government Gazette on the 23rd July, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MICHAEL MIFSUD.

Today 28th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2496

ARB/C057/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JONATHAN MIZZI;

GRETA sive GRETA JOSEPHINE MIZZI;

OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER;

AKAKUS INTERNATIONAL LTD;

CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD;

DUNCAN MANGION;

CARMEL BUSUTTIL;

TIMOTHY GALEA;

ARB/C057/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd October, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Madam Justice Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

JONATHAN MIZZI;

GRETA sive GRETA JOSEPHINE MIZZI;

OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER;

AKAKUS INTERNATIONAL LTD;

CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD;

DUNCAN MANGION;

CARMEL BUSUTTIL;

TIMOTHY GALEA;

JONATHAN THEUMA;

EDWARD MIFSUD, impjegat, ta' 54 sena, iben il-mejjet Anthony Mifsud u l-mejta Vincenza Mifsud xebba Cutajar, imwieled l-Imtarfa, Malta, fid-9 ta' Frar, 1970, u residenti fi Flat 2, Block 1, Triq l-Inkurunazzjoni, Ir-Rabat, Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 90470M.

U

MARICA BUGEJA;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat EDWARD MIFSUD li jipperċepixxi l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) kull sena, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, mis-salarju li huwa jirċievi mill-Malta Tax and Customs Administration.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Noel Bartolo, LLD), fl-10 ta' Lulju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Lulju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Jonathan Mizzi, Greta sive Greta Josephine Mizzi, Otman Ali Otman Abdulkader, Akakus International Ltd, Convey Shipping & Trading Agency Ltd, Duncan Mangion, Carmel Busuttil, Timothy Galea, Jonathan Theuma, EDWARD MIFSUD u Marica Bugeja.

Illum 28 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

JONATHAN THEUMA;

EDWARD MIFSUD, employed, 54 years, son of the late Anthony Mifsud and the late Vincenza Mifsud née Cutajar, born in Mtarfa, Malta, on the 9th February, 1970, and residing at Flat 2, Block 1, Triq l-Inkurunazzjoni, Rabat, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 90470M.

AND

MARICA BUGEJA;

The Court AUTHORISES the accused EDWARD MIFSUD to perceive the amount of twenty-one thousand, nine hundred and forty-five euro (€21,945) annually, where means permit, from the salary he receives from the Malta Tax and Customs Administration.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Noel Bartolo, LLD) on the 10th July, 2024, which was published in the Government Gazette on the 19th July, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Jonathan Mizzi, Greta sive Greta Josephine Mizzi, Otman Ali Otman Abdulkader, Akakus International Ltd, Convey Shipping & Trading Agency Ltd, Duncan Mangion, Carmel Busuttil, Timothy Galea, Jonathan Theuma, EDWARD MIFSUD and Marica Bugeja.

Today 28th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2497

ARB/C017/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ARB/C017/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd October, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Madam Justice Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

BRIAN TONNA, awditur, ta' 60 sena, iben il-mejjet Renald u Victoria xebba Portelli, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-14 ta' Ġunju, 1964, residenti fi 15, Delano Mansions, Fl. 6, Triq Hurds Bank, Marsaskala, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 316764M.

MANUEL (EMMANUEL) CASTAGNA;

KARL CINI;

MARIE KATRIN BONDIN CARTER;

K B T HOLDINGS LIMITED;

BT INTERNATIONAL LIMITED;

NEXIA BT LIMITED;

NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

SPX SERVICES LIMITED;

U

WILLERBY TRADE INC.;

Il-Qorti AWTORIZZAT it-trasferiment tal-flejjes kollha miżmuma fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat BRIAN TONNA, bħala likwidatur tas-soċjetà European Insurance Group Limited, li jispiċċa -8995 u miżmum mal-Bank of Valletta plc, favur il-likwidatur il-ġdid tal-istess soċjetà, hekk kif imsemmi fid-digriet tal-Qorti ddatat 22 ta' Ottubru, 2024.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD), fl-20 ta' Marzu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' BRIAN TONNA, Manuel (Emmanuel) Castagna, Karl Cini, Marie Katrin Bondin Carter, KBT Holdings Limited, BT International Limited, Nexia BT Limited, Nexia BT Advisory Services Limited, BTI Management Limited, SPX Services Limited, u Willerby Trade Inc.

BRIAN TONNA, auditor, 60 years, son of the late Renald and Victoria née Portelli, born in Tal-Pietà, Malta, on the 14th June, 1964, residing at 15, Delano Mansions, Fl. 6, Triq Hurds Bank, Marsaskala, and holder of Maltese identity card bearing number 316764M.

MANUEL (EMMANUEL) CASTAGNA;

KARL CINI;

MARIE KATRIN BONDIN CARTER;

K B T HOLDINGS LIMITED;

BT INTERNATIONAL LIMITED;

NEXIA BT LIMITED;

NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

SPX SERVICES LIMITED;

AND

WILLERBY TRADE INC.;

The Court AUTHORISES the transfer of all of the funds held in the bank account registered in the name of the accused BRIAN TONNA, as the liquidator of the society European Insurance Group Limited, ending in -8995 and held at the Bank of Valletta plc, in favour of the new liquidator for the same society, as mentioned in the Court decree dated 22nd October, 2024.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD) on the 20th March, 2021, which was published in the Government Gazette on the 26th March, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to BRIAN TONNA, Manuel (Emmanuel) Castagna, Karl Cini, Marie Katrin Bondin Carter, KBT Holdings Limited, BT International Limited, Nexia BT Limited, Nexia BT Advisory Services Limited, BTI Management Limited, SPX Services Limited, and Willerby Trade Inc.

Illum 28 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Today28th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2498

ARB/C065/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 542/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

YORGEN FENECH, ma jaħdimx, ta' 42 sena, iben il-mejjet George u Patricia xebba Camilleri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' Novembru, 1981, residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Paola, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 36482M.

Il-Qorti AWTORIZZAT illi l-ordni ta' qbid u ffriżar maħruġa fit-30 ta' Awwissu, 2021, kontra l-imputat YORGEN FENECH qed tiġi limitata għas-somma ta' €285,000 li tinsab depożitata fil-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -2119 u li hu miżmum mill-Bank of Valletta plc bħala l-assi li għandhom ikunu suġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, hekk kif imsemmi fid-digriet tal-Qorti ddatat 4 ta' Lulju, 2024. Illi kull bilanċ miżmum fl-imsemmi kont tal-bank li jeċċedi s-somma ta' €285,000 għandu jiġi depożitat fil-kont tal-bank intestat ukoll f'isem l-imputat li jispiċċa -0730 u li hu miżmum mill-Bank of Valletta plc, hekk kif imsemmi fid-digriet tal-Qorti ddatat 23 ta' Ottubru, 2024.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) u tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Ian Farrugia, LLD) fit-30 ta' Awwissu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-3 ta' Settembru, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' YORGEN FENECH.

Illum 28 ta' Ottubru, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C065/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd October, 2024, given by the Court of Magistrates as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 542/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

YORGEN FENECH, unemployed, 42 years, son of the late George and Patricia née Camilleri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 23rd November, 1981, residing at Corradino Correctional Facility, Triq il-Belt Valletta, Paola, and holder of Maltese identity card bearing number 36482M.

The Court ORDERED that the seizing and freezing order issued on 30th August, 2021, against the accused YORGEN FENECH is being limited to the sum of €285,000 which is deposited in the bank account registered in the name of the accused ending in -2119 and held at the Bank of Valletta plc as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction, as mentioned in the Court decree dated 4th July, 2024. That any balance held in the mentioned bank account which exceeds the sum of €285,000 shall be deposited into the bank account also registered in the name of the accused ending in -0730 and held at the Bank of Valletta plc, as mentioned in the Court decree dated 23rd October, 2024.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) and Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Ian Farrugia, LLD) on the 30th August, 2021 which was published in the Government Gazette on the 3rd September, 2021 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to YORGEN FENECH.

Today 28th October, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2499

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-4 ta' Ottubru, 2024, Rikors numru 896/2024, minn Agnes Bonnici et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Agnes Bonnici, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Ann Marie Bonnici u Christopher Bonnici wlied id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' John Bonnici, żewġ Agnes Bonnici née Baldacchino, bin il-mejtin Policarpio Bonnici u Maria Anna Bonnici née Schembri, imwieled Birżebbuġa, Malta, kien joqgħod Birżebbuġa, Malta, u miet Birżebbuġa, Malta, fil-25 ta' April, 2024, ta' 67 sena, u li kellu karta tal-identità numru 249057M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 25 ta' Ottubru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th October, 2024, Application number 896/2024, by Agnes Bonnici et whereby they requested that it be declared open in favour of Agnes Bonnici, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Ann Marie Bonnici and Christopher Bonnici children of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the succession of John Bonnici, husband of Agnes Bonnici née Baldacchino, son of the late Policarpio Bonnici and Maria Anna Bonnici née Schembri, born in Birżebbuġa, Malta, resided in Birżebbuġa, Malta, and died in Birżebbuġa, Malta, on the 25th April, 2024, aged 67, and who held identity card number 249057M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 25th October, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2500

